# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Jannar 2021**

**Talba Numru 258/2019SFJ**

***Challenger International Transport Limited (C15345)***
***vs.***
***G.M.C. Transport Company Limited (C7228)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

"*1. Illi s-soċjetà attriċi pprovdiet servizzi ta' trasport, liema servizz ġie reż mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta fuq inkarigu tal-istess soċjetà konvenuta.*

*2. Illi s-servizz reż mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta jammonta għal elf u seba' mija u wieħed u għoxrin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1,721.25).*

*3. Illi s-soċjetà konvenuta, għalkemm interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont dovut, baqgħet inadempjenti.*

*4. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u seba' mija u wieħed u għoxrin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1,721.25).*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A bin-numru 2453/2019 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1512/2019 u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv, b'dan li s-soċjetà konvenuta hija minn issa inġunta in subizzjoni.*"

Ra r-Risposta ippreżentata mis-soċjetà konvenuta fis-7 ta' Ottubru 2019 li fiha ġie eċċepit:

"*Preliminarjament, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi fit-termini tal-Art. 2147(d) tal-Kodiċi Ċivili.*

*F'kull każ, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.*

*F'kull każ u mingħajr preġudizzju, l-eċċipjenti m'għandha tħallas xejn lis-soċjetà attriċi.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*"

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata inkluża n-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Jannar 2021.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

**Silvio Magro**, direttur tas-soċjetà attriċi, xehed permezz tal-affidavit tiegħu. Huwa qal li kien *subcontracted* mis-soċjetà konvenuta sabiex juża l-*mechanical horse* tiegħu biex jiġbed *trailers* tas-soċjetà konvenuta. Min-naħa tagħha, is-soċjetà konvenuta ġieli kienet titqabbad minn terzi. Hu ma kienx ikun jaf l-identità tat-terzi u ma kellu ebda relazzjoni magħhom. Fil-fatt, kien dejjem jibgħat l-*invoices* lis-soċjetà konvenuta għax ir-relazzjoni kummerċjali kienet magħha. Is-soċjetà konvenuta kienet ilha tuża s-servizzi tas-soċjetà attriċi diversi snin u kellha kont miftuħ mas-soċjetà attriċi. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta dejjem kienet tħallas, għalkemm xi kultant kienet iddum biex tħallas.

Ix-xhud spjega li s-soċjetà konvenuta kien jonqosha tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont mitlub fl-Avviż tat-Talba, liema ammont kien jinqasam hekk:

- Sitt mija u wieħed u sebgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€671.66) għal *invoices* bejn il-15 ta' Ottubru 2015 u l-15 ta' Awwissu 2016; u

- Elf u disgħa u erbgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,049.59) għal *invoices* bejn is-7 ta' Frar 2018 u l-5 ta' April 2018.

Jacqueline Cohen, waħda mill-impjegati tas-soċjetà attriċi, kienet tibgħat diversi *reminders* lis-soċjetà konvenuta sabiex din tħallas. Ix-xhud stess kien saħansitra jibgħat messaġġi lil Mark Buttigieg (direttur tas-soċjetà konvenuta) sabiex isiru l-ħlasijiet. Buttigieg qatt ma ċaħad li l-ammonti kienu dovuti iżda dejjem qal li kien ser iħallas. Imbagħad, Magro għamel referenza għal xi messaġġi skambjati bejnu u bejn Mark Buttigieg u messaġġi oħrajn bejnu u bejn Reuben Grech (dan ukoll fi ħdan is-soċjetà konvenuta).

**Maurice Micallef**, impjegat fi ħdan is-soċjetà attriċi, xehed permezz tal-affidavit tiegħu u kkonferma l-kontenut tal-affidavit tad-direttur, Silvio Magro, kif ukoll il-kontenut tad-dokumenti annessi mal-affidavit tal-istess Silvio Magro. Micallef żied jgħid li xi drabi, Mark Buttigieg kien qajjem xi punti dwar rotot, jiġifieri li dawn ma kinux jaqblu fir-rigward tal-ammont ta' kilometri. Micallef spjega li r-rotta indikata minn Buttigieg fuq il-*Google Maps* tkun rotta li kieku tintuża minn karozza ordinarja u mhux minn trakk jew *trailer* ta' tmintax-il metru, u għalhekk kien ikun hemm xi diskrepanzi. Qal li xi wħud mid-diskrepanzi kienu jitħallsu fis-sħiħ minn Buttigieg filwaqt li oħrajn kienu għadhom pendenti. Micallef qal ukoll li hu kien dejjem jiċċekkja li r-rotta tkun ġiet indikata sewwa u kien jiċċekkja t-*tracking* tat-trakk biex imbagħad jagħmel l-*adjustments* neċessarji fil-*Google Maps*. Finalment, ix-xhud ikkonferma li l-ammont mitlub permezz tal-Avviż tat-Talba baqa' ma tħallas qatt.

**Reuben Grech**, *general manager* fi ħdan is-soċjetà konvenuta, kien prodott bħala xhud mis-soċjetà attriċi. Huwa qal li n-numru tal-*mobile* tiegħu kien "79450195" u li ż-żewġ soċjetajiet kienu jikkomunikaw spiss permezz tat-telefonati, permezz tal-*WhatsApp* u tramite *e-mails*. Huwa qal li kien ikellem l-aktar lil Silvio Magro. Ix-xhud qal li l-pagamenti tas-soċjetà konvenuta kienu r-responsabilità ta' Mark Buttigieg u mhux responsabilità tiegħu. Grech ġie muri d-dokumentazzjoni a fol. 43 u 44, li kienu *screenshots* ta' messaġġi, u kkonferma li l-lingwaġġ tagħhom kien familjari għalih. Mistoqsi kienx jaf is-suġġett tal-kawża,

huwa wieġeb li kienet dwar pagamenti relatati ma' diverġenzi ta' kilometri. Ma kienx jaf kinux isiru pagamenti *on account* jew le.

Fil-kontro-eżami, Grech ikkonferma li s-soċjetà attriċi kienet ġiet *subcontracted* mis-soċjetà konvenuta għal *point-to-point transport* tat-*trailers*. Huwa qal li s-soċjetà attriċi kienet titħallas skont il-kilometri li tkun għamlet u skont ir-rata miftiehma bejn il-kontendenti. Huwa ċċara li s-soċjetà konvenuta kienet qed targumenta li l-metraġġ kif ikkalkulat mis-soċjetà attriċi kien jinkludi metraġġ żejjed u għalhekk l-ammont kellu jkun inqas. Grech imbagħad qal li hu qatt ma daħal fid-dettal dwar dawn il-kalkoli.

Mistoqsi in ri-eżami sabiex jikkonferma li Silvio Magro kien ġie mwiegħed mis-soċjetà konvenuta li kollox kien ser jitħallas, ix-xhud wieġeb li d-diskors dejjem kien li s-soċjetà konvenuta kienet ser tħallas biss dak li s-soċjetà attriċi kien ħaqqha tieħu.

**Jacqueline Cohen**, impjegata fi ħdan is-soċjetà attriċi, xehdet permezz tal-affidavit tagħha. Fih, hija essenzjalment ikkonfermat dak li xehed Silvio Magro in kwantu għall-ammont dovut.

**Mark Buttigieg**, direttur fi ħdan is-soċjetà konvenuta, xehed matul l-udjenza tat-28 ta' Settembru 2020. Huwa qal li s-soċjetà attriċi kienet titqabbad minnhom sabiex tirrendi servizzi ta' *international road transport*. Huwa żied jgħid li r-relazzjoni kummerċjali bejniethom waqfet lejn il-bidu tas-sena 2019 billi skont is-soċjetà konvenuta, kien qed ikun hemm "*ħafna diskrepanzi*" fil-kilometri li s-soċjetà konvenuta ma kinitx qed taqbel magħhom. Ix-xhud spjega li s-soċjetà konvenuta kienet tistenna li tkun *charged* skont il-kilometri li tkun għamlet is-soċjetà attriċi. Qal li meta kienu jirċievu l-*invoices* tas-soċjetà attriċi, l-ammont ta' kilometri dejjem kien jeċċedi l-ammont proprju ta' kilometri. Kien għalhekk li r-relazzjoni kummerċjali twaqqfet.

Ix-xhud imbagħad qal li l-*invoices* li nħarġu lis-soċjetà konvenuta fis-snin 2015, 2016 u fl-ewwel xhur tal-2018 kienu mħallsin kompletament. Buttigieg irrefera għad-dokument GMC3 li huwa qal li jien jindika xi pagamenti li saru fis-sena 2019 bil-pagamenti mqabblin mal-*invoices* relattivi tas-soċjetà attriċi. Huwa kkonkluda billi qal li kienu ħallsu l-ammonti kollha lis-soċjetà attriċi.

Mistoqsi dwar id-dokument GMC2, Buttigieg spjega li dik kienet korrispondenza li kien irċieva mingħand Jacqueline Cohen wara laqgħa li saret bejnu u bejn Silvio Magro. Skont Buttigieg, dik l-*e-mail* kienet biddlet dak kollu li ġie maqbul bejnu u Silvio Magro.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

1. ***<u>L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-soċjetà konvenuta</u>***

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Art. 2147(d) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jippreskrivi perjodu preskrittiv ta' sena għal "*azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-baħar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sal-1631, għall-ħlas tal-kirjiet jew tal-pagi tagħhom.*"

It-Tribunal jirreferi għall-Art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***<u>Ruth Scicluna vs. Deluxe Construction Company Limited</u>*** (deċiża fit-18 ta' Novembru 2020) fejn intqal li l-parti li teċċepixxi l-preskrizzjoni skont l-Art. 2147 (u artikoli oħrajn) tal-Kodiċi Ċivili għandha minn jeddha, waqt il-kawża, tgħid taħt ġurament li hija mhix debitriċi tas-soċjetà attriċi jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa tħallsitx. Fix-xhieda tiegħu, Mark Buttigieg, direttur tas-soċjetà konvenuta, qal hekk (fol. 152):

"*Dr Phyllis Aquilina:* *Sewwa. Illum x'fadlilkom tħallsu lil Challenger?*

*Xhud:* *Xejn. Kollox imħallas min-naħa tagħna.*"

B'din il-parti mix-xhieda tiegħu, Buttigieg ma kienx qiegħed isostni l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, iżda biss it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta (fejn ġie eċċepit li s-soċjetà konvenuta ma kellha tħallas xejn lis-soċjetà attriċi).

Is-sentenza suċitata tispjega li sabiex konvenut jibbenefika mill-preskrizzjonijiet brevi, iridu jikkonkorru żewġ elementi. Mhux biżżejjed li sempliċement ikun għadda t-terminu relattiv. L-allegat debitur irid jixhed minn jeddu u jgħid taħt ġurament li hu mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa tkunx tħallset. L-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell tgħid li fl-Art. 2160(1), m'hemmx lok għall-interpretazzjoni tax-xhieda u għalhekk, ladarba Buttigieg, bħala direttur tas-soċjetà konvenuta, qatt ma qal ċar u tond li s-soċjetà konvenuta ma kinitx debitriċi tas-soċjetà attriċi jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa tħallsitx, is-soċjetà konvenuta ma tistax tibbenefika mill-preskrizzjoni eċċepita. Huwa x-xhud li jrid jgħid ċar u tond dak li titlob il-liġi u mhux it-Tribunal li jrid jinterpreta x-xhieda tiegħu b'mod li din tiġi toqgħod pinġuta f'dak li tgħid il-liġi.

Għalhekk, it-Tribunal jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

## 2. <u>*Il-mertu*</u>

### i. Deskrizzjoni tal-*invoices* u *statements*

Skont id-dokument a fol. 18, Silvio Magro, direttur tas-soċjetà attriċi, jgħid li s-soċjetà konvenuta jonqosha tħallas diversi ammonti naxxenti mill-*invoices* numri 3902, 3909, 3926, 4807, 4830, 4831, 4841 u 4843. It-total naxxenti minn dawn l-*invoices* huwa ta' **€671.66**.

Skont id-dokument a fol. 27, Silvio Magro jgħid li s-soċjetà konvenuta jonqosha tħallas diversi ammonti naxxenti mill-*invoices* numri 1677, 1726, 1728, 1791, 1793, 1835, 1872, 1874, 1899, 1938, 1939, 1940 u 1969. It-total naxxenti minn dawn l-*invoices* huwa ta' **€1,049.59.**

Permezz ta' nota ppreżentata fit-28 ta' Settembru 2020 (fol. 138), is-soċjetà konvenuta ppreżentat id-dokument GMC3 (fol. 147 sa fol. 150). Dan jindika s-segwenti:

- Permezz ta' pagament ta' €8,937.40 nhar is-27 ta' Frar 2019, is-soċjetà konvenuta ħallset ammonti li jikkorrispondu għall-*invoices* (*numbering* tas-soċjetà attriċi) numri 2855, 2876, 2860, 2859, 2857, 2911 u 2012;

- Permezz ta' pagament ta' €6,016.71 nhar is-26 ta' Marzu 2019, is-soċjetà konvenuta ħallset ammonti li jikkorrispondu għall-*invoices* (*numbering* tas-soċjetà attriċi) numri 2527, 2913, 2858, 2856 u 3299;

- Permezz ta' pagament ta' €1,233.48 nhar l-24 ta' April 2019, is-soċjetà konvenuta ħallset ammonti li jikkorrispondu għall-*invoices* (*numbering* tas-soċjetà attriċi) numri 3307 u 3430; u

- Permezz ta' pagament ta' €2,398.42 nhar it-8 ta' Mejju 2019, is-soċjetà konvenuta ħallset ammonti li jikkorrispondu għall-*invoice* (*numbering* tas-soċjetà attriċi) numru 1791.

Jirriżulta għalhekk li l-unika *invoice* tas-soċjetà attriċi allegatament kompriża f'pagamenti li saru mis-soċjetà konvenuta hija l-*invoice* numri 1791, liema *invoice*, jekk wieħed jara d-dokument (l-i*statement*) a fol. 79 (ippreżentat bħala parti mill-affidavit ta' Jacqueline Cohen), kienet inħarġet fl-1 ta' Marzu 2018 u kienet għall-ammont ta' €3,219.13.

Fir-rigward ta' din l-*invoice*, it-Tribunal josserva:

- Illi skont l-i*statement* a fol. 27 (anness mal-affidavit ta' Silvio Magro), li jindika li nħareġ fil-11 ta' Ottubru 2019, hemm indikat li mill-ammont ta' €3,219.13 tħallsu €2,886.09 u għalhekk, fadal biss €333.04 x'jitħallsu.

- Illi min-naħa l-oħra, l-i*statement* a fol. 79, li huwa datat 5 ta' Ottubru 2018, jindika li l-*invoice* 1791 kienet għadha ma tħallsitx.

- Illi skont fol 150 u fir-rigward ta' din l-invoice thallsu 2,398.42 Euro (ircevuta prezentata mis-socjeta konvenuta) Ghalhekk inqas minn dak li gie iddikjarat li thallas minn Silvio Magri fl-affidavit tieghu fir-rigward ta' din l-invoice.

Jidher ċar li skont l-aħħar informazzjoni li għandu quddiemu dan it-Tribunal (skont id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet), l-*invoice* 1791 maħruġa mis-soċjetà attriċi tħallset ħlief għal bilanċ pendenti ta' €333.04.

Għalhekk, it-Tribunal ma jaqbilx mal-pożizzjoni li ħadet is-soċjetà konvenuta meta fin-nota tagħha a fol. 138 iddeskriviet id-dokument GMC3 bħala prova ta' ħlasijiet għas-saldu li saru mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi fis-snin 2018 u 2019. Għall-kuntrarju, il-provi jindikaw li l-pagamenti li saru mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi huma relatati ma' *invoices* u/jew *statements* kompletament differenti minn dawk li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawża.

### ii. Allegati diskrepanzi fil-kilometraġġ

Maurice Micallef u Reuben Grech, prodotti mis-soċjetà attriċi, u Mark Buttigieg, prodott mis-soċjetà konvenuta, spjegaw qabel xejn li l-ammonti fl-*invoices* kienu bbażati mid-distanza, jiġifieri l-ammont ta' kilometri, li l-*mechanical horse* tas-soċjetà attriċi jkun ġibed it-*trailers* tas-soċjetà konvenuta. Wieħed jifhem għalhekk li vjaġġ twil ikun jiswa lis-soċjetà konvenuta aktar milli jkun jiswielha vjaġġ qasir.

Jidher ċar għalhekk li meta s-soċjetà konvenuta kienet tirċievi *invoice* mingħand is-soċjetà attriċi, din kienet tivverifika l-ammont mitlub billi tagħmel il-kalkoli tagħha dwar kilometraġġ sabiex tassigura ruħha li l-ammont indikat fl-*invoice* huwa ġustifikat. Jidher ċar ukoll li meta s-soċjetà konvenuta kien jidhrilha li l-ammont kien esaġerat, kienet tħallas dik l-*invoice* parzjalment biss.

It-Tribunal josserva iżda li ma tressqu ebda provi li jispjegaw u jippruvaw li l-ammonti mitluba mis-soċjetà attriċi fuq medda ta' diversi *invoices* kienu esaġerati. Lanqas ma hemm provi li l-kilometraġġ ikkalkulat mis-soċjetà attriċi huwa żbaljat. Ħadd mix-xhieda ma daħal fid-dettal dwar dan. Mingħajr provi fuq dan il-punt, it-Tribunal ma jistax jilqa' l-aħħar żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta.

## **Deċide**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' x-xhieda u qara d-dokumentazzjoni relattiva, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u b'hekk jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u seba' mija u wieħed u għoxrin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1,721.25) bl-imgħax kummerċjali kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, liema mgħax għandu jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali 2453/2019.

It-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali msemmija iżda jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju stante li ma tressqet ebda prova li hemm tali mandat.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**